MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Numru. 368/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Andre Falzon ta' 16-il sena, iben Desmond u Lorna nee Baldacchino imwieled il-Pieta', fis-17 ta' Awissu, 1986, u residenti Flat 1, Blackman Court, Mimosa Street, Pieta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 401286 (M)**

**Maximillian Zammit ta' 17-il sena iben Martin u Anna nee Zammit imwieled il-Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1985 u joqghod fi Flat 17, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blk C3 Ta' Xbiex u Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**

**364485 (M)**

**James Micallef ta’ 17-il sena iben Anton u Josephine nee Buttigieg imwieled il-Pieta’, fid-29 ta’ Novembru, 1985 u joqghod f’numru 51, Triq San Duminku tas-Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 581785 (M)**

**Michael Grech ta’ 17-il sena iben Paul u Eileen nee Gauci imwieled il-Pieta’ fil-11 ta’ Mejju, 1985, u joqghod fi ‘Cuore Maria’, Triq Aruka Attard u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 279485 (M)**

**Owen James Formosa ta’ 17-il sena iben Joseph u Gulia nee Galea, imwieled il-Pieta’ fl-10 ta’ Awissu, 1985 u joqghod f’Numru 2, ‘Medina’, Triq Aruka, Attard, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 429385 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Andre Falzon, Maximillian Zammit, James Micallef, Michael Grech, Owen James Formosa li gew akkuzati talli f’dawn il-gzejjer fil-25 ta’ Novembru, 2002 jew fil-granet ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. ghamlu falsifikazjoni f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjon jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom

jipprivaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni ta' firem tas-Sur Marvin Tonna u/jew persuni ohra fuq ircevuti u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew credit cards jew ircevuti u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

b. Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe credit card jew ircevuti, illi meta jigu ppezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn banke jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghrufa b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet a' Malta.

c. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ngann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizaq' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' madwar Lm 300 billi pprezentaw credit card bi hsara ghal Marvin Tonna u/jew pesuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 (10(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji3.

Rat li l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li fit-23 ta' Gunju, 2004 l-Ispettur Carlo Ellul talab is-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat li l-Qorti laqghet l-istess talba.

Ghaldaqstant din is-sentenza hi biss fil-konfront ta' ANDRE FALZON, JAMES MICALLEF, MICHAEL GRECH U OWEN JAMES FORMOSA.

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzati Andre Falzon, James Micallef, Michael Grech, Owen James Formosa.

Rat il-fedina penali taghhom li hi ghal kollox netta.

Rat l-ammissjoni bikrija.

Rat ukoll li l-parte civile giet rimborsata ghad-dannu minnha subit.

Rat l-eta’ zghira taghhom.

Ghaldaqstant in vista ta’ l-ammissjoni taghhom qed issibhom hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti u dan wara li rat l-artikolu 183, 184 tal-Kapitlu 9, l-artikolu 167, 169 tal-Kapitolu 9, l-artikolu 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9. Rat l-artikolu 17, 31, 37 tal-Kapitolu 9 .

Dwar il-htija wara li qieset dak kollu premess u biss minhabba l-eta’ tenera taghhom u l-istat tal-fedina penali qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-llum.

Il-Qorti fehmithom il-konsegwenzi tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------